# ID-DAWL

AWWISSU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 80

**“Kulħadd għandu għan li jħabrek għalih; ikkompetu, mela, ma’ xulxin dwar għemejjel tajba.”**



Il-Virtù Vera | Il-Kodiċi tal-Ilbies | Moderazzjoni | Il-Midja Soċjali u t-Tfal

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Ikkompetu ma’ xulxin dwar għemejjel tajba

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-virtù vera hija li sservi ’l-umanità u li turi sinċerità u lealtà sħiħa lejn il-kawża ta’ Alla; u li jkollok fidi u fiduċja sħiħa fl-eżistenza ta’ Alla.

Li sservi l-umanità ma tfissirx li tagħti milli jibqagħlek mill-ħobż lil xi ħadd bil-ġuħ, minkejja li jkollok ikel għadu sħun fuq il-mejda. Dan mhux att ġenwin ta’ virtù. Il-virtù vera hija dik kif iddikjara Alla Omnipotenti fil-Koran Imqaddes:

> **“M’intomx se tiksbu t-tieba; u qatt ma tilħqu l-ogħla livell tal-virtù qabel ma tonfqu u tagħtu minn dak li verament tħobbu; u kull ħaġa li tonfqu, Alla tabilħaqq jaf biha.”** (3:93)

Il-kelma Għarbija li kienet qed tintuża biex tiddeskrivi l-‘virtù’ f’dan il-vers tfisser tjubija, virtù jew onestà tal-ogħla livell, jew l-aqwa tal-morali, u din tista’ tinkiseb biss meta wieħed jagħti minn qalbu, dawk l-affarijiet materjali jew ħwejjeġ oħra, li l-aktar li jgħożż għaliex hemmhekk isir l-akbar sagrifiċċju.

## Il-Virtù Vera

Għalhekk, din hija t-tifsira vera tal-virtù, li wieħed jagħti l-aktar affarijiet prezzjużi li jkun iħobb. Meta xi ħadd bil-ġuħ jitlob l-ikel, dan għandu jingħata l-aqwa ikel li jkun hemm u mhux il-fdalijiet tal-ikel.

**ID-DAWL**

AWWISSU 2024 – Numru 80 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

**INDEX**

The true virtue 02
The dress code 04
Moderation 06
Social media and children 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **Muhur | iStock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira


Elena Shutova | iStock

Barra minn hekk, irridu niftakru wkoll li billi wieħed joqgħod ’il bogħod mill-ħażen jew mid-dnub mhuwiex virtù. Pereżempju, ħafna drabi nisimgħu n-nies jgħidu, ‘Jien ma nagħmilx affarijiet ħżiena’ jew ‘Jien ma nweġġa’ lil ħadd’; dan mhux biżżejjed li wieħed ma jweġġa’ lil ħadd jew jaħseb li huwa ġeneruż ħafna, dan mhux att virtuż, sakemm ma jwettaqx atti virtużi wkoll. Meta wieħed jaħrab mill-ħażen ifisser li l-persuna għadha ma bdietx tielgħa t-telgħa u għadha wieqfa fil-livell żero.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, il-Messija Mwiegħed[as], fisser dan is-suġġett b’mod imqanqal ħafna. Huwa jgħid:

> **“Quddiem Alla l-Ħanin l-Iżlam mhuwiex biss it-tiċħid tal-vizzji. Anzi, sakemm persuna ma taddottax il-virtujiet, filwaqt li toqgħod ’il bogħod mill-vizzji, ma jirnexxilhiex tkampa f’din id-dinja spiritwali. Il-verità tat-tagħlim Iżlamiku tissejjes fuq it-tkattir u t-titjib tal-ispiritwalità tal-individwu. Il-virtujiet huma bħall-ikel. Bħalma persuna ma tistax tgħix mingħajr ikel, ma tibqax teżisti u tgħix sakemm ma taddottax il-virtujiet. Dan l-istat jinkiseb biż-żieda fil-fidi.”** (*Malfoozat* (2022) vol. 8, p. 200)

# Il-kodiċi tal-ilbies

Il-libsa hija barka kbira ta' Alla l-Ħanin u hija waħda mill-barkiet li Alla li Jista' Kollox ta lill-qaddejja Tiegħu u semmieha b'isimha fil-Koran Imqaddes. Il-libsa tingħata bħala premju għat-tfal ta' Adam. Dan l-unur li jingħata huwa disponibbli biss għall-bniedem, l-ebda ħlejqa oħra fid-dinja ma ġiet onorata b'din il-barka. Alla li Jista' Kollox indirizza lit-tfal kollha ta' Adam u qal:

> **"Ja wlied Adam! Tabilħaqq niżżilnielkom ilbies jostor l-għera tagħkom, u biex ikunu l-ilbies sbieħ (mezzi ta' sbuħija u eleganza). Iżda l-ilbies tal-ġustizzja, is-safa u l-imħabba ta' Alla — dak huwa l-aħjar."** (7:27)

Il-kliem, ***l-ilbies tat-ġustizzja***, jispjega s-sinifikat reali tal-kliem 'libsa eleganti'. Jiġifieri, l-ilbies tal-pjetà huwa, fil-fatt, l-ilbies tassew fin għall-bniedem. Ilbies ordinarju jkopri l-għera fiżika tagħna, filwaqt li l-ilbies tal-pjetà u s-safa jkopri l-għera spiritwali u morali tagħna.

Il-vers ifakkarna b'mod sabiħ li meta nqisu li hu tant meħtieġ li jkollna l-ilbies tajjeb biex jgħatti l-għera fiżika tagħna u nużaw libsa eleganti biex nidhru grazzjużi, għandna iktar u iktar inkunu anzjużi li nkopru l-għera morali u spiritwali tagħna, li tista' ssir biss bit-talb u billi nitolbu l-maħfra u l-ħniena ta' Alla.

Kemm hi importanti l-libsa, kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment. Għalhekk, meta ngħixu fis-soċjetà hemm kodiċi tal-ilbies li trid tiġi segwita waqt li wieħed ikun fl-isfera pubblika, meta wieħed jimxi fit-toroq, imur fis-swieq, ħwienet u postijiet pubbliċi oħra.

Iżda sfortunatament, mhux kulħadd jieħu ħsieb il-kodiċi tal-ilbies meta jkun fil-pubbliku. Madankollu, kull wieħed u waħda minna għandu jkollna l-istandard għoli tagħna stess tal-kodiċi tal-ilbies, irridu nżommu lilna nfusna u lill-familji tagħna dejjem pronti biex inżommu d-diċenza u l-pudur fil-kodiċi tal-ilbies tagħna.

Irridu dejjem niċċekkjaw lilna nfusna u nsaqsu: il-libsa li qed nilbes hija denja li tintlibes fil-pubbliku? Nemmen tassew li din hija kwistjoni ta' diċenza personali, imsejsa fuq il-valuri morali, li dejjem nilbsu kif suppost fi djarna u aktar importanti meta nkunu fl-isferi pubbliċi.




Huwa wkoll fatt li hemm ċerti kodiċijiet tal-ilbies stabbiliti meta nkunu f'postijiet partikolari. Jista' xi ħadd imur il-qorti b'sidru mikxuf? Tista' persuna tidħol fil-Parlament bi lbies indiċenti?

Bl-istess mod, hemm ċerti kodiċijiet tal-ilbies għall-postijiet ta' qima u attivitajiet formali u laqgħat. Ħafna drabi nirċievu xi stedina għal kwalunkwe attività jew laqgħa u nsibu xi linji gwida dwar il-kodiċi tal-ilbies, bħal dress code: "deċenti u formali".

Huwa importanti li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna għandhom jiġu mgħallma dwar dawn il-valuri mill-ġenituri stess; u l-ġenituri għandhom irwol vera importanti li jikkultivaw il-manjieri u l-valuri tajba fit-tfal tagħhom, minn età żgħira, sabiex meta jikbru jkunu jafu l-limiti tagħhom, il-valuri tagħhom, ir-rispett u d-dinjità tagħhom.

Barra minn hekk, irridu nżommu f'moħħna li l-libsa tagħna hija wkoll mera u riflessjoni tal-karattru u l-personalità personali tagħna; u l-karattru tagħna jirrifletti dak tal-edukazzjoni u t-taħriġ fid-dar. Il-karattru u l-libsa tagħna jirriflettu min aħna.

**Allura għaliex ma nilbsux b'mod diċenti u xieraq meta nkunu fil-postijiet pubbliċi?**

# Moderazzjoni

## Il-Koran Imqaddes

Ja wlied Adam! Ħarsu lejn it-tisbiħ tagħkom kull ħin u fil-lok tal-adorazzjoni, u kulu u ixorbu iżda dejjem b'moderazzjoni; tassew Huwa ma jħobbx lil dawk li ma jqisux il-moderazzjoni. (7:32)

Għidulhom: Sejħulu Allah jew sejħulu Rahman; b'liema isem tiddeċiedu li ssejħulu, xorta Tiegħu huma l-aqwa kwalitajiet. Tlissnux il-kliem tat-Talb b'vuċi għolja, lanqas b'vuċi baxxa ħafna, iżda fittxu t-triq tan-nofs (b'moderazzjoni). (17:111)

[U l-qaddejja ta' Alla l-Ġentili huma] dawk li, meta jonfqu, la jkunu estravaganti u lanqas xħaħ iżda jkunu moderati bejn it-tnejn. (25:68)

Imxu b'pass meqjus u rażżnu leħinkom. (31:20)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Ħażrat Abu Musa[ra] jirrakkonta:

"Darba, waqt li konna qed nivvjaġġaw mal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, in-nies bdew jgħajtu, '*Allahu Akbar*!' (Alla huwa l-Aqwa). Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, qal:

'Nies! Użaw il-moderazzjoni. Intom m'intomx qed tindirizzaw lil xi ħadd li huwa trux jew assenti. Intom qed tindirizzaw lil Dak li Jisma' Kollox, Dejjem Preżenti u li qiegħed diġà magħkom.'" (*Sahih Muslim*)

"Wettqu l-għemejjel tajba sewwa, b'sinċerità u moderazzjoni... Dejjem ħudu t-triq tan-nofs, b'moderazzjoni, ħalli tkunu tistgħu tilħqu l-għan tagħkom (tal-ġenna)." (*Sahih Bukhari*)

Il-moderazzjoni hija valur kbir uman. L-Iżlam jgħallimna biex inkunu moderati f'kull sitwazzjoni tal-ħajja, biex nevitaw kull tip ta' mġiba




Bakal | iStock

estrema. Li nadottaw it-triq tal-moderazzjoni hija kwalità importanti ħafna li dejjem tgħinna biex ngħixu ħajja sana, għax kif jingħad, ‘l-estremità ta’ kollox hija ħażina’; u d-dehen jitlob il-moderazzjoni. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qal: **“Il-moderazzjoni hija l-aqwa f’kull sitwazzjoni.”**

Għaldaqstant, irridu nsibu l-aqwa bilanċ f’kulma nagħmlu; u rridu nħabirku biex niksbu moderazzjoni assoluta fix-xogħol tagħna ta’ kuljum u naħdmu qatigħ għas-servizz tal-umanità; u li nistabbilixxu relazzjoni dejjiema u qaddisa ma’ Alla Omnipotenti.

Il-bilanċ u l-moderazzjoni f’kollox huma essenzjali f’kull aspett tal-ħajja umana u dan jinkludi l-aspetti reliġjużi, soċjali, finanzjarji u spiritwali. Il-qofol tal-imġiba tajba jinsab fil-moderazzjoni, fil-bilanċ, fl-armonija, fit-trażżin, fis-sabar u fil-maħfra. Ta’ min jinnota li l-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, iggwidana wkoll biex nadottaw il-moderazzjoni saħansitra fit-talb, fl-adorazzjoni u fl-ispiritwalità; u wissiena biex ma ngħabbux lilna nfusna żżejjed.

Ħażrat Żainab bint Jahsh[ra] (il-mara tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]) kienet sinjura qaddisa u devota ħafna; kienet dejjem titlob u, meta kienet tegħja, kienet torbot ħabel ma’ żewġ kolonni u tużah biex tgħin lilha nfisha ħalli ma torqodx. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] lemaħ il-ħabel u stqarr li hi għandha titlob sakemm tiflaħ u jekk tegħja għandha tistrieħ. Dak il-ħabel ramihulha. (*Sahih Bukhari*)

Q&A

# Kif tista' omm tħares lil uliedha mill-influwenzi negattivi tal-midja soċjali?



Olesia Bilkei | shutterstock

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat, bi tweġiba għal din il-mistoqsija, qal:

Wieħed jista' jagħmel biss sforz f'dan ir-rigward u jagħti lil uliedu l-ħin u l-kumpanija. Uħud mill-ġenituri jagħtu dawn it-tablets u screens lil uliedhom biex iżommuhom okkupati sakemm huma jagħmlu l-faċendi tagħhom ta' matul il-jum. It-tfal m'għandhomx jaraw programmi li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-trobbija tagħhom. Il-ġenituri għandhom jiċċekkjaw il-programmi li jaraw uliedhom u jagħmlulhom ir-regolamenti, pereżempju li ma joqogħdux aktar minn siegħa fuq dawn l-aġġeġġi. Wieħed għandu jfisser ukoll l-effetti ħżiena li jħallu l-ħinijiet twal fuq il-gadgets, pereżempju l-impatt fuq l-għajnejn, l-effetti negattivi fuq il-livelli ta' konċentrazzjoni, u l-impatt fuq l-istudji. "B'hekk, b'dan il-mod, ġagħluhom jifhmu. Kunu ħbieb tagħhom, u huma se jifhmu. L-aktar importanti, itolbu sabiex Allah iħarishom mill-effetti ħżiena."

Il-Qdusija Tiegħu żied li, filwaqt li huwa kważi impossibbli li ma tħallix lit-tfal jużaw l-aġġeġġi, il-ġenituri għandhom jaraw li t-tfal ma jagħmlux użu tagħhom aktar minn siegħa fil-ġurnata. Huwa semma li ħafna ommijiet kitbulu u qalulu li meta implimentaw din ir-regola, it-tfal tagħhom fehmuha u aċċettawha.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**